Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 23 ta' Marzu 2018
(OR. en)

7454/18

**Fajl Interistituzzjonali:**
**2018/0069 (COD)**

PECHE 100
CODEC 434

**PROPOSTA**

| | |
|---|---|
| minn: | Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmat mis-Sur Jordi AYET PUIGARNAU, Direttur |
| data meta waslet: | 22 ta' Marzu 2018 |
| lil: | Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea |
| Nru dok. Cion: | COM(2018) 143 final |
| Suġġett: | Proposta għal REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1343/2011 dwar ċerti dispożizzjonijiet għas-sajd fiż-żona tal-Ftehim tal-GFCM (Kummissjoni Ġenerali tas-Sajd għall-Baħar Mediterran) |

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuż id-dokument COM(2018) 143 final.

Mehmuż: COM(2018) 143 final

IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 22.3.2018
COM(2018) 143 final

2018/0069 (COD)

Proposta għal

**REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**

**li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1343/2011 dwar ċerti dispożizzjonijiet għas-sajd fiż-żona tal-Ftehim tal-GFCM (Kummissjoni Ġenerali tas-Sajd għall-Baħar Mediterran)**

# MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

## 1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

### • Ir-raġunijiet għall-proposta u l-għanijiet tagħha

Il-proposta għandha l-għan li tittrasponi fid-dritt tal-Unjoni għadd ta' miżuri li ġew adottati mill-Kummissjoni Ġenerali għas-Sajd fil-Mediterran (GFCM) waqt is-sessjonijiet annwali tagħha tal-2015, tal-2016 u tal-2017. Il-GFCM hi Organizzazzjoni Reġjonali tal-Ġestjoni tas-Sajd stabbilita skont l-Artikolu XIV tal-Kostituzzjoni tal-FAO; l-għanijiet ewlenin tagħha huma li tippromwovi l-iżvilupp, il-konservazzjoni, il-ġestjoni razzjonali u l-aħjar użu tar-riżorsi ħajjin tal-baħar u l-iżvilupp sostenibbli tal-akkwakultura fil-Mediterran, fil-Baħar l-Iswed u fl-ibħra konnessi. Il-GFCM għandha l-awtorità li tadotta deċiżjonijiet obbligatorji ("rakkomandazzjonijiet") fil-qasam tal-kompetenza tagħha; dawn l-atti huma essenzjalment indirizzati lill-partijiet kontraenti, iżda jistgħu jinkludu wkoll obbligi għall-operaturi (eż. il-kaptan tal-bastiment). Ir-rakkomandazzjonijiet isiru vinkolanti fi żmien 120 jum wara d-data tal-ewwel notifika tagħhom, sakemm ma titressaq ebda oġġezzjoni.

L-UE u għaxar Stati Membri (il-Bulgarija, il-Kroazja, Ċipru, Franza, il-Greċja, l-Italja, Malta, is-Slovenja, Spanja u r-Rumanija) huma partijiet kontraenti għall-Ftehim tal-GFCM. Sal-punt sa fejn il-kontenut tar-rakkomandazzjonijiet tal-GFCM mhuwiex kopert jew hu biss parzjalment kopert mid-Dritt eżistenti tal-Unjoni, it-traspożizzjoni tad-dispożizzjonijiet rilevanti tal-GFCM hi meħtieġa biex jiġi żgurat li dawn tal-aħħar jiġu applikati b'mod uniformi u effettiv fl-Unjoni Ewropea kollha.

L-aħħar traspożizzjoni tad-deċiżjonijiet tal-GFCM saret permezz tar-Regolament (UE) Nru 1343/2011[1] kif emendat bir-Regolament (UE) Nru 2015/2102[2]. Din il-proposta se ddaħħal f'dak l-att leġislattiv il-miżuri li għandhom jiġu trasposti permezz ta' emendi.

### • Konsistenza mad-dispożizzjonijiet ta' politika eżistenti fil-qasam ta' politika

Il-proposta hi konsistenti mal-Politika Komuni tas-Sajd "PKS". Din tkopri miżuri ta' konservazzjoni, miżuri ta' ġestjoni, miżuri ta' monitoraġġ, ta' kontroll u ta' sorveljanza u miżuri għall-ġlieda kontra sajd illegali, mhux irrappurtat u mhux irregolat. Dawn il-miżuri jikkonċernaw il-merluzz u l-gamblu abjad fil-Kanal ta' Sqallija, il-barbun imperjali fil-Baħar l-Iswed, il-paġella ħamra fil-Baħar Alboran u l-qroll aħmar. Il-proposta tistabbilixxi wkoll żona ristretta tas-sajd fl-Adrijatiku (żona tal-Fossa ta' Jabuka/Pomo). Dawn il-miżuri jmorru lil hinn mir-regolament eżistenti tal-UE.

---

[1] Ir-Regolament (UE) Nru 1343/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Diċembru 2011 dwar ċerti dispożizzjonijiet għas-sajd fiż-żona tal-Ftehim tal-GFCM (il-Kummissjoni Ġenerali tas-Sajd għall-Baħar Mediterran) u li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1967/2006 dwar miżuri ta' ġestjoni għall-isfruttament sostenibbli ta' riżorsi tas-sajd fil-Baħar Mediterran (ĠU L 347, 30.12.2011, p. 44).

[2] Ir-Regolament (UE) 2015/2102 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' Ottubru 2015 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1343/2011 dwar ċerti dispożizzjonijiet għas-sajd fiż-żona tal-Ftehim tal-GFCM (Kummissjoni Ġenerali tas-Sajd għall-Baħar Mediterran) (ĠU L 308, 28.11.2015, p.1-10)

## 2. BAŻI ĠURIDIKA, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZJONALITÀ

- **Bażi ġuridika**

L-Artikolu 43(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

- **Sussidjarjetà**

Il-proposta taqa' fi ħdan il-kompetenza esklussiva tal-Unjoni Ewropea.

- **Proporzjonalità**

It-test propost se jiżgura li l-miżuri rilevanti tal-GFCM jiġu trasposti fid-dritt tal-Unjoni mingħajr ma jsir aktar milli hu meħtieġ biex jintlaħaq l-għan mixtieq.

- **L-għażla tal-istrument**

L-istrument propost: Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda Regolament eżistenti.

Mezzi oħra ma jkunux adegwati għar-raġuni li ġejja: Regolament irid jiġi emendat b'Regolament.

## 3. IR-RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET "EX POST", TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET IKKONĊERNATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

Ma kien hemm bżonn issir l-ebda konsultazzjoni mal-partijiet interessati jew valutazzjoni tal-impatt.

## 4. IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI

Din il-miżura ma tinvolvi l-ebda nefqa addizzjonali għall-Unjoni.

2018/0069 (COD)

Proposta għal

# REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

## li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1343/2011 dwar ċerti dispożizzjonijiet għas-sajd fiż-żona tal-Ftehim tal-GFCM (Kummissjoni Ġenerali tas-Sajd għall-Baħar Mediterran)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u, b'mod partikulari, l-Artikolu 43(2) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġiżlattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew,

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġislattiva ordinarja,

Billi:

(1) Il-Ftehim dwar it-twaqqif tal-Kummissjoni Ġenerali għas-Sajd fil-Mediterran ("il-Ftehim tal-GFCM") jipprovdi qafas adattat għall-kooperazzjoni multilaterali sabiex jiġu promossi l-iżvilupp, il-konservazzjoni, il-ġestjoni razzjonali u l-aħjar użu tar-riżorsi ħajjin tal-baħar fil-Mediterran u fil-Baħar l-Iswed f'livelli li huma kkunsidrati sostenibbli u b'riskju baxx ta' kollass.

(2) L-Unjoni Ewropea, kif ukoll il-Bulgarija, il-Greċja, Spanja, Franza, il-Kroazja, l-Italja, Ċipru, Malta, ir-Rumanija u s-Slovenja huma partijiet kontraenti għall-Ftehim tal-GFCM.

(3) Ir-rakkomandazzjonijiet adottati mill-GFCM huma vinkolanti għall-partijiet kontraenti tagħha. Peress li l-Unjoni hi parti kontraenti tal-Ftehim tal-GFCM, dawk ir-rakkomandazzjonijiet huma vinkolanti għall-Unjoni u għalhekk jenħtieġ li jiġu implimentati fid-dritt tal-Unjoni, sakemm il-kontenut tagħhom mhuwiex diġà kopert minnu.

(4) Ir-Regolament (UE) Nru 1343/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill jistipula ċerti dispożizzjonijiet dwar is-sajd fiż-żona tal-Ftehim tal-GFCM. Hu l-att leġiżlattiv xieraq għall-implimentazzjoni tal-kontenut tar-rakkomandazzjonijiet tal-GFCM li ġew adottati mill-Kummissjoni Ġenerali għas-Sajd fil-Mediterran (GFCM) u li għadhom mhumiex koperti mid-dritt tal-Unjoni.

(5) Matul is-Sessjoni Annwali tagħha fl-2015, il-GFCM adottat ir-Rakkomandazzjoni GFCM/39/2015/2 dwar l-istabbiliment ta' sett ta' standards minimi għas-sajd tat-tkarkir tal-qiegħ fuq stokkijiet demersali fil-Kanal ta' Sqallija. Dawk l-istandards jinkludu miżuri tekniċi ta' konservazzjoni għall-gamblu abjad (*Parapenaeus longirostris*) u għall-merluzz (*Merluccius merluccius*). Partijiet minn dawk il-miżuri

diġà jinsabu fl-Anness III tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1967/2006[3] dwar daqsijiet minimi ta' referenza tal-ispeċijiet ikkonċernati. Madankollu, il-miżuri li jikkonċernaw il-ġestjoni tal-flotta li jinsabu fir-Rakkomandazzjoni 39/2015/2 jenħtieġ li jiġu implimentati fid-dritt tal-Unjoni permezz tar-Regolament (UE) Nru 1343/2011.

(6) Matul is-Sessjoni Annwali tagħha fl-2015, il-GFCM adottat ir-Rakkomandazzjoni GFCM/39/2015/3 dwar l-istabbiliment ta' sett ta' miżuri għall-prevenzjoni, għad-deterrenza u għall-eliminazzjoni tas-sajd illegali, mhux irrappurtat u mhux irregolat (IUU) għall-barbun imperjali *(Psetta maxima)* fil-Baħar l-Iswed. Ħafna minn dawk il-miżuri diġà huma previsti fir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 26/2004[4], fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1005/2008[5], fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009[6], fir-Regolament (UE) Nru 1380/2013[7], fir-Regolament (UE) Nru 1343/2011 u fir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 404/2011[8]. Numru ta' miżuri ta' ġestjoni tal-flotta stabbiliti fir-Rakkomandazzjoni 39/2015/2 mhumiex koperti mil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni u għaldaqstant jenħtieġ li dawn jiġu inklużi fir-Regolament (UE) Nru 1343/2011.

(7) Matul is-Sessjoni Annwali tagħha fl-2016, il-GFCM adottat ir-Rakkomandazzjoni tal-GFCM 40/2016/4, li tistabbilixxi pjan ta' ġestjoni pluriennali għas-sajd għall-merluzz u għall-gamblu abjad fil-Kanal ta' Sqallija (subżoni ġeografiċi (GSA) 12 sa 16). Uħud mill-elementi ta' dak il-pjan pluriennali diġà huma previsti fir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 26/2004 u fir-Regolament (UE) Nru 1380/2013. Minkejja dan, ċerti miżuri tar-Rakkomandazzjoni 40/2016/4 mhumiex koperti mil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni u għaldaqstant jenħtieġ li dawn jiġu inklużi fir-Regolament (UE) Nru 1343/2011.

(8) Matul is-Sessjoni Annwali tagħha fl-2017, il-GFCM adottat ir-Rakkomandazzjoni GFCM/41/2017/2 dwar il-ġestjoni tas-sajd għall-paġella ħamra fil-Baħar Alboran (subżoni ġeografiċi 1, 2, 3) għal perjodu tranżitorju ta' sentejn. L-għan operazzjonali ta' dik ir-Rakkomandazzjoni hu li żżomm il-mortalità mis-sajd għall-paġella ħamra fi

---

[3] Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1967/2006 tal-21 ta' Diċembru 2006 dwar miżuri ta' ġestjoni għall-isfruttament sostenibbli ta' riżorsi tas-sajd fil-Baħar Mediterran u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 2847/93 u jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1626/94 (ĠU L 409, 30.12.2006, p. 11)

[4] Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 26/2004 tat-30 ta' Diċembru 2003 dwar ir-reġistru tal-flotta tas-sajd tal-Komunità (ĠU L 5, 9.01.2004, p. 25)

[5] Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1005/2008 tad-29 ta' Settembru 2008 li jistabbilixxi sistema Komunitarja sabiex tipprevjeni, tiskoraġġixxi u telimina sajd illegali, mhux irrappurtat u mhux irregolat, li jemenda r-Regolamenti (KEE) Nru 2847/93, (KE) Nru 1936/2001 u (KE) Nru 601/2004 u li jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 1093/94 u (KE) Nru 1447/1999 (ĠU L 286, 29.10.2008, p. 1)

[6] Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009 tal-20 ta' Novembru 2009 li jistabbilixxi sistema tal-Unjoni ta' kontroll għall-iżgurar tal-konformità mar-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 847/96, (KE) Nru 2371/2002, (KE) Nru 811/2004, (KE) Nru 768/2005, (KE) Nru 2115/2005, (KE) Nru 2166/2005, (KE) Nru 388/2006, (KE) Nru 509/2007, (KE) Nru 676/2007, (KE) Nru 1098/2007, (KE) Nru 1300/2008, (KE) Nru 1342/2008 u li jħassar ir-Regolamenti (KEE) Nru 2847/93, (KE) Nru 1627/94 u (KE) Nru 1966/2006 (ĠU L 343, 22.12.2009, p. 1)

[7] Ir-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 dwar il-Politika Komuni tas-Sajd, li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1954/2003 u (KE) Nru 1224/2009 u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 2371/2002 u (KE) Nru 639/2004 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/585/KE (ĠU L 354, 28.12.2013, p. 22)

[8] Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 404/2011 tat-8 ta' April 2011 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009 li jistabbilixxi sistema Komunitarja ta' kontroll għall-iżgurar tal-konformità mar-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd (ĠU L 112, 30.04.2011, p. 1).

ħdan il-punti ta' referenza prekawzjonali miftiehma u tikseb jew iżżomm ir-rendiment massimu sostenibbli mill-aktar fis possibbli.

(9) Matul is-Sessjoni Annwali tagħha fl-2017, il-GFCM adottat ir-Rakkomandazzjoni GFCM/41/2017/3 dwar l-istabbiliment ta' żona ristretta tas-sajd fil-Fossa ta' Jabuka/Pomo fil-Baħar Adrijatiku.

(10) Fis-Sessjoni Annwali tagħha fl-2017, il-GFCM adottat ir-Rakkomandazzjoni GFCM/41/2017/4 dwar pjan ta' ġestjoni pluriennali għas-sajd għall-barbun imperjali fis-subżona ġeografika 29, il-Baħar l-Iswed. Ir-Rakkomandazzjoni tistabbilixxi sett ta' miżuri ta' ġestjoni, ta' miżuri tekniċi, ta' miżuri tal-flotta u ta' miżuri ta' kontroll, bħala proġett pilota biex tiġġieled kontra s-sajd IUU fil-Baħar l-Iswed. Uħud mill-elementi ta' dak il-pjan pluriennali diġà huma previsti fir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 26/2004, fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1005/2008[9], fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009[10], fir-Regolament (UE) Nru 1380/2013, fir-Regolament (UE) Nru 1343/2011 u fir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 404/2011[11]. Minkejja dan, ċerti miżuri tar-Rakkomandazzjoni 41/2017/4 mhumiex koperti mil-leġiżlazzjoni u għaldaqstant jenħtieġ li dawn jiġu inklużi fir-Regolament (UE) Nru 1343/2011.

(11) Matul is-Sessjoni Annwali tagħha fl-2017, il-GFCM adottat ir-Rakkomandazzjoni GFCM/41/2017/5 dwar l-istabbiliment ta' pjan ta' ġestjoni adattiv reġjonali għall-isfruttament tal-qroll aħmar fil-Baħar Mediterran

(12) Matul is-Sessjoni Annwali tagħha fl-2017, il-GFCM adottat ir-Rakkomandazzjoni GFCM/41/2017/8 dwar skema konġunta internazzjonali ta' spezzjoni u ta' sorveljanza barra mill-ilmijiet taħt il-ġurisdizzjoni nazzjonali tas-subżoni ġeografiċi 12, 13, 14, 15 u 16 (il-Kanal ta' Sqallija) li l-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li jieħdu sehem fih. Biex tkun żgurata l-konformità mal-politika komuni tas-sajd, ġiet adottata l-leġiżlazzjoni tal-Unjoni li tistabbilixxi sistema ta' kontroll, ta' spezzjoni u ta' infurzar, li tiġġieled ukoll l-attivitajiet ta' sajd illegali, mhux irrappurtat u mhux irregolat (IUU). B'mod partikolari, ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009[12] jistabbilixxi

---

9 Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1005/2008 tad-29 ta' Settembru 2008 li jistabbilixxi sistema Komunitarja sabiex tipprevjeni, tiskoraġġixxi u telimina sajd illegali, mhux irrappurtat u mhux irregolat, li jemenda r-Regolamenti (KEE) Nru 2847/93, (KE) Nru 1936/2001 u (KE) Nru 601/2004 u li jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 1093/94 u (KE) Nru 1447/1999 (ĠU L 286, 29.10.2008, p. 1)

10 Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009 tal-20 ta' Novembru 2009 li jistabbilixxi sistema tal-Unjoni ta' kontroll għall-iżgurar tal-konformità mar-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 847/96, (KE) Nru 2371/2002, (KE) Nru 811/2004, (KE) Nru 768/2005, (KE) Nru 2115/2005, (KE) Nru 2166/2005, (KE) Nru 388/2006, (KE) Nru 509/2007, (KE) Nru 676/2007, (KE) Nru 1098/2007, (KE) Nru 1300/2008, (KE) Nru 1342/2008 u li jħassar ir-Regolamenti (KEE) Nru 2847/93, (KE) Nru 1627/94 u (KE) Nru 1966/2006 (ĠU L 343, 22.12.2009, p. 1)

11 Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 404/2011 tat-8 ta' April 2011 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009 li jistabbilixxi sistema Komunitarja ta' kontroll għall-iżgurar tal-konformità mar-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd (ĠU L 112, 30.04.2011, p. 1).

12 Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009 tal-20 ta' Novembru 2009 li jistabbilixxi sistema Komunitarja ta' kontroll għall-iżgurar tal-konformità mar-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 847/96, (KE) Nru 2371/2002, (KE) Nru 811/2004, (KE) Nru 768/2005, (KE) Nru 2115/2005, (KE) Nru 2166/2005, (KE) Nru 388/2006, (KE) Nru 509/2007, (KE) Nru 676/2007, (KE) Nru 1098/2007, (KE) Nru 1300/2008, (KE) Nru 1342/2008 u li jħassar ir-Regolamenti (KEE) Nru 2847/93, (KE) Nru 1627/94 u (KE) Nru 1966/2006 (ĠU L 343, 22.12.2009, p. 1).

sistema tal-Unjoni għall-kontroll, għall-ispezzjoni u għall-infurzar mill-Unjoni b'approċċ globali u integrat biex jiżgura l-konformità mar-regoli kollha tal-politika komuni tas-sajd. Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 404/2011[13] jistabbilixxi r-regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009. Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1005/2008[14] jistabbilixxi sistema Komunitarja li tipprevjeni, tiskoraġġixxi u telimina s-sajd illegali, mhux irrappurtat u mhux irregolat. Dawk ir-Regolamenti diġà jipprovdu għal numru mill-miżuri stabbiliti fir-Rakkomandazzjoni GFCM/41/2017/8. Għalhekk, mhuwiex meħtieġ li dawk il-miżuri jiddaħħlu f'dan ir-Regolament. Minkejja dan, ċerti miżuri ta' dik ir-Rakkomandazzjoni mhumiex koperti mil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni u għaldaqstant jenħtieġ li jiġu inklużi fir-Regolament (UE) Nru 1343/2011.

(13) Għaldaqstant, ir-Regolament (UE) Nru 1343/2011 jenħtieġ li jiġi emendat skont dan.

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

**Emendi għar-Regolament (UE) Nru 1343/2011**

Ir-Regolament (UE) Nru 1343/2011 hu emendat kif ġej:

(1) L-Artikolu 3 hu emendat kif ġej:

(a) is-sentenza tal-introduzzjoni tinbidel b'dan li ġej:

"Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin minbarra d-definizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 4 tar-Regolament 1380/2013*, fl-Artikolu 2 tar-Regolament (KE) Nru 1967/2006 u fl-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009:

_________

(*)Ir-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 dwar il-Politika Komuni tas-Sajd, li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1954/2003 u (KE) Nru 1224/2009 u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 2371/2002 u (KE) Nru 639/2004 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/585/KE, ĠU L 354, 28/12/2013, p.22.

(b) jiżdiedu l-punti (e) u (f) li ġejjin:

(e) "żona ta' lqugħ" tfisser żona stabbilita madwar żona ristretta tas-sajd biex jiġi evitat aċċess aċċidentali għaliha;

(f) "Sajd speċifikament għall-paġella ħamra" tfisser it-twettiq tal-attivitajiet tas-sajd li fihom il-kwantitajiet ta' paġella ħamra abbord jew imħott l-art jikkostitwixxu aktar minn 20% tal-qabda f'piż ħaj wara t-tqassim skont il-marea."

[13] Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 404/2011 tat-8 ta' April 2011 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009 li jistabbilixxi sistema Komunitarja ta' kontroll għall-iżgurar tal-konformità mar-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd (ĠU L 112, 30.4.2011, p. 1).

[14] Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1005/2008 tad-29 ta' Settembru 2008 li jistabbilixxi sistema Komunitarja sabiex tipprevjeni, tiskoraġġixxi u telimina s-sajd illegali, mhux irrappurtat u mhux irregolat, li jemenda r-Regolamenti (KEE) Nru 2847/93, (KE) Nru 1936/2001 u (KE) Nru 601/2004 u li jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 1093/94 u (KE) Nru 1447/1999 (ĠU L 286, 29.10.2008, p. 1).

(2) Jiddaħħal l-Artikolu 10a li ġej:

*"Artikolu 10a*

**Żoni ristretti tas-sajd fil-Kanal ta' Sqallija**

Is-sajd bix-xbieki tat-tkarkir tal-qiegħ għandu jkun ipprojbit f'dawn iż-żoni:

(1) iż-żona ristretta tas-sajd "Lvant mill-Adventure Bank" konfinata permezz ta' linji li jgħaqqdu l-koordinati li ġejjin:

– 37° 23,850′ N, 12° 30,072′ E

– 37° 23,884′ N, 12° 48,282′ E

– 37° 11,567′ N, 12° 48,305′ E

– 37° 11,532′ N, 12° 30,095′ E

(2) iż-żona ristretta tas-sajd "Punent mill-Baċin ta' Gela" konfinata permezz ta' linji li jgħaqqdu l-koordinati li ġejjin:

– 37° 12,040′ N, 13° 17,925′ E

– 37° 12,047′ N, 13° 36,170′ E

– 36° 59,725′ N, 13° 36,175′ E

– 36° 59,717′ N, 13° 17,930′ E

(3) iż-żona ristretta tas-sajd "Lvant mill-Malta Bank" konfinata permezz ta' linji li jgħaqqdu l-koordinati li ġejjin:

– 36° 12,621′ N, 15° 13,338′ E

– 36° 12,621′ N, 15° 26,062′ E

– 36° 59,344′ N, 15° 26,062′ E

– 36° 59,344′ N, 15° 13,338′ E'.

(3) Jiddaħħlu l-Artikoli 10b, 10c, 10d u 10e li ġejjin:

*"Artikolu 10b*

**Żoni ta' lqugħ fil-Kanal ta' Sqallija**

1. Żona ta' lqugħ konfinata permezz ta' linji li jgħaqqdu l-koordinati li ġejjin għandha tiġi stabbilita madwar iż-żona ristretta tas-sajd "Lvant mill-Adventure Bank" kif imsemmi fl-Artikolu 10a(1):

– 37° 24,849′ N, 12° 28,814′ E

– 37° 24,888′ N, 12° 49,536′ E

– 37° 10,567′ N, 12° 49,559′ E

– 37° 10,528′ N, 12° 28,845′ E

2. Żona ta' lqugħ konfinata permezz ta' linji li jgħaqqdu l-koordinati li ġejjin għandha tiġi stabbilita madwar iż-żona ristretta tas-sajd "Punent mill-Baċin ta' Gela" kif imsemmi fl-Artikolu 10a(2):

– 37° 13,041′ N, 13° 16,672′ E

– 37° 13,049′ N, 13° 37,422′ E

– 36° 58,723′ N, 13° 37,424′ E

– 36° 58,715′ N, 13° 16,682′ E

3. Żona ta' lqugħ konfinata permezz ta' linji li jgħaqqdu l-koordinati li ġejjin għandha tiġi stabbilita madwar iż-żona ristretta tas-sajd "Lvant mill-Malta Bank" kif imsemmi fl-Artikolu 10a(3):

– 36° 13,624′ N, 15° 12,102′ E

– 36° 13,624′ N, 15° 27,298′ E

– 36° 58,342′ N, 15° 27,294′ E

– 36° 58,342′ N, 15° 12,106′ E

4. Bastimenti li jwettqu attivitajiet tas-sajd bix-xbieki tat-tkarkir tal-qiegħ fiż-żoni ta' lqugħ imsemmija f'dan l-Artikolu għandhom jiżguraw il-frekwenza tat-trażmissjoni xierqa tas-sinjali tas-sistema ta' monitoraġġ tal-bastimenti (VMS) tagħhom. Bastimenti mhux mgħammra bi transponder tal-VMS u li jkollhom l-għan li jistadu bix-xbieki tat-tkarkir tal-qiegħ fiż-żoni ta' lqugħ għandhom ikunu mgħammra bi kwalunkwe sistema oħra ta' ġeolokalizzazzjoni biex jippermettu lill-awtoritajiet ta' kontroll jintraċċaw l-attivitajiet tagħhom.

*Artikolu 10c*

**Restrizzjonijiet fuq is-sajd fiż-żona tal-Fossa ta' Jabuka / Pomo fil-Baħar Adrijatiku**

1. Sajd rikreazzjonali u sajd bix-xbieki tal-qiegħ, bix-xbieki tat-tkarkir tal-qiegħ, bil-konzijiet tal-qiegħ u bin-nases għandhom ikunu pprojbiti f'żona konfinata permezz ta' linji li jgħaqqdu l-koordinati li ġejjin:

– 43° 32,044' N, 15° 16,501' E

– 43° 05,452' N, 14° 58,658' E

– 43° 03,477' N, 14° 54,982' E

– 42°50,450' N, 15°07,431' E

– 42°55,618' N, 15°18,194' E

– 43°17,436' N, 15°29,496' E

– 43°24,758' N, 15°33,215' E

2. Mill-1 ta' Settembru sal-31 ta' Ottubru ta' kull sena, sajd bix-xbieki tal-qiegħ, bix-xbieki tat-tkarkir tal-qiegħ, bil-konzijiet tal-qiegħ u bin-nases għandu jkun ipprojbit f'żona konfinata permezz ta' linji li jgħaqqdu l-koordinati li ġejjin:

– 43° 03,477' N, 14° 54,982' E

– 42° 49,811' N, 14° 29,550' E

– 42° 35,205' N, 14° 59,611' E

– 42° 49,668' N, 15° 05,802' E

– 42° 50,450' N, 15° 07,431' E

3. Mill-1 ta’ Settembru sal-31 ta’ Ottubru ta’ kull sena, sajd rikreazzjonali u sajd bix-xbieki tal-qiegħ, bix-xbieki tat-tkarkir tal-qiegħ, bil-konzijiet tal-qiegħ u bin-nases għandhom ikunu pprojbiti f’żona konfinata permezz ta’ linji li jgħaqqdu l-koordinati li ġejjin:

– 43°17,436' N, 15°29,496' E

– 43°24,758' N, 15°33,215' E

– 43°20,345' N, 15°47,012' E

– 43°18,150' N, 15°51,362' E

– 43°13,984' N, 15°55,232' E

– 43°12,873' N, 15°52,761' E

– 43°13,494' N, 15°40,040' E

*Artikolu 10d*

**Bastimenti awtorizzati fiż-żona tal-Fossa ta’ Jabuka / Pomo**

1. Mingħajr ħsara għall-paragrafi (2) u (3) tal-Artikolu 10c, l-attivitajiet tas-sajd kummerċjali mwettqa bix-xbieki tal-qiegħ, bix-xbieki tat-tkarkir tal-qiegħ, bil-konzijiet tal-qiegħ u bin-nases għandhom ikunu awtorizzati biss, fiż-żona msemmija f’dawk il-paragrafi, jekk il-bastiment ikun fil-pussess ta’ awtorizzazzjoni speċifika, u jekk dan ikun jista’ juri li storikament wettaq attivitajiet tas-sajd fiż-żoni kkonċernati.

2. Bastimenti awtorizzati li jistadu bix-xbieki tat-tkarkir tal-qiegħ għandhom ikunu intitolati li jistadu biss kull nhar ta’ Sibt u Ħadd mill-5.00 H sal-22.00 H. Bastimenti awtorizzati li jistadu bix-xbieki tal-qiegħ, bil-konzijiet tal-qiegħ u bin-nases għandhom jitħallew jistadu biss minn nhar ta’ Tnejn 05.00 H sal-Ħamis 22.00 H.

3. Il-bastimenti awtorizzati jistadu fiż-żona msemmija fl-Artikolu 10c(2) u (3) bl-irkaptu msemmi fil-paragrafu 1 ta’ dan l-Artikolu għandha tinħarġilhom awtorizzazzjoni tas-sajd mill-Istat Membru tagħhom f’konformità mal-Artikolu 7 tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009.

4. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lis-Segretarjat eżekuttiv tal-GFCM, mhux aktar tard mit-30 ta’ April 2018, il-lista ta’ bastimenti awtorizzati stabbiliti għas-sena 2018 u, sussegwentemnet, mhux aktar tard mit-30 ta’ April ta’ kull sena, il-lista ta’ bastimenti awtorizzati stabbiliti għas-sena li jmiss. Għal kull bastiment, il-lista għandu jkun fiha l-informazzjoni li ġejja:

(a) L-isem tal-bastiment;

(b) In-numru tar-reġistru tal-bastiment;

(c) L-identifikatur uniku tal-GFCM (il-kodiċi 3-alfa tal-ISO tal-pajjiż + 9 figuri, eż. xxx000000001);

(d) L-isem ta’ qabel (jekk kien hemm);

(e) Il-bandiera ta' qabel (jekk kien hemm);

(f) Id-dettalji tat-tħassir ta' qabel minn reġistri oħra (jekk kien hemm);

(g) Is-sinjal internazzjonali tas-sejħa bir-radju (jekk hemm);

(h) It-tip ta' bastiment, it-tul totali (LOA) u t-tunnellaġġ gross (GT) u/jew it-tunnellaġġ irreġistrat gross (GRT);

(i) L-isem u l-indirizz tal-proprjetarju/i u l-operatur(i);

(j) L-irkaptu ewlieni użat għas-sajd fiż-Żona Ristretta tas-Sajd;

(k) Il-perjodu staġjonali awtorizzat għas-sajd fiż-Żona Ristretta tas-Sajd;

(l) In-numru ta' jiem tas-sajd li jista' jiġi eżerċitat minn kull bastiment;

(m) Il-port magħżul.

5. Il-bastimenti tas-sajd awtorizzati għandhom iħottu biss qabdiet ta' stokkijiet demersali fil-portijiet magħżula. Għal dan l-għan, kull Stat Membru kkonċernat għandu jagħżel portijiet li fihom hu awtorizzat il-ħatt tal-qabdiet miż-Żona Ristretta tas-Sajd tal-Fossa ta' Jabuka/Pomo. Il-lista ta' dawk il-portijiet għandha tiġi kkomunikata lis-Segretarjat atl-GFCM sat-30 ta' April ta' kull sena.

6. Il-bastimenti tas-sajd awtorizzati biex jistadu fiż-żoni msemmija fl-Artikolu 10c(2) u (3) bl-irkaptu msemmi fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu għandu jkollhom sistemi tal-VMS u/jew tal-AIS li jaħdmu kif suppost, u l-irkaptu tas-sajd abbord jew użat għandu jkun identifikat, enumerat u mmarkat kif xieraq qabel tibda kwalunkwe operazzjoni tas-sajd jew in-navigazzjoni f'dawk iż-żoni.

7. Il-bastimenti tas-sajd bix-xbieki tal-qiegħ, bix-xbieki tat-tkarkir tal-qiegħ, bil-konzijiet tal-qiegħ u bin-nases mingħajr awtorizzazzjonijiet għandhom jitħallew jgħaddu miż-Żona Ristretta tas-Sajd biss jekk dawn isegwu rotta diretta b'veloċità kostanti ta' mhux anqas minn 7 knots u b'VMS u/jew l-AIS attivi abbord.

*Artikolu 10e*

**Restrizzjonijiet spazjali/temporali fil-Baħar Alboran**

1. Filwaqt li jikkunsidraw il-parir xjentifiku disponibbli, l-Istati Membri jistgħu jistabbilixxu restrizzjonijiet spazjali/temporali fil-Baħar Alboran (subżoni ġeografiċi 1, 2 u 3 tal-GFCM kif iddefiniti fl-Anness I), li fihom l-attivitajiet tas-sajd għandhom ikunu pprojbiti jew ristretti biex jiġu protetti żoni ta' aggregazzjoni ta' paġelli ħomor li għadhom qed jikbru u/jew li jkunu ser iwelldu.

2. L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-GFCM sal-31 ta' Jannar 2019 iż-żoni u r-restrizzjonijiet applikati fihom."

(4) Fit-Titolu II, jiddaħħal il-Kapitolu IIa li ġej:

## “KAPITOLU IIa

## STAĠUNI TAS-SAJD MAGĦLUQIN FIL-BAĦAR L-ISWED

*Artikolu 14a*

**Perjodu tal-għeluq matul l-istaġun tar-riproduzzjoni tal-barbun imperjali fil-Baħar l-Iswed**

1. Fi ħdan il-perjodu ta’ bejn April u Ġunju ta’ kull sena, kull Stat Membru għandu jistabbilixxi perjodu tal-għeluq ta’ tal-anqas xahrejn fil-Baħar l-Iswed.
2. L-Istati Membri jistgħu jiddeżinjaw restrizzjonijiet spazjali/temporali addizzjonali li fihom l-attivitajiet tas-sajd għandhom jiġu pprojbiti jew ristretti biex jipproteġu żoni ta’ aggregazzjoni ta’ barbuni imperjali li għadhom qed jikbru.”

(5) Jiddaħħlu l-Artikoli 16ca u 16cb li ġejjin:

*“Artikolu 16ca*

**Għeluq ta’ prekawzjoni għall-qroll aħmar**

1. Meta jintlaħaq il-livell ta’ qabdiet skattatur tal-qroll aħmar kif iddefinit fil-paragrafi 2 u 3, l-Istati Membri għandhom jagħlqu ż-żona kkonċernata b’mod temporali għal kwalunkwe sajd għall-qroll aħmar.
2. Il-livell ta’ qabdiet skattatur għandu jitqies li ntlaħaq meta l-kolonji tal-qroll aħmar b’dijametru bażiku ta’ anqas minn 7 mm jaqbżu l-25 % tal-qabda totali li ssir minn bank partikolari tal-qroll aħmar għal sena partikolari.
3. Meta l-banks tal-qroll ma jkunux għadhom ġew identifikati kif suppost, il-livell ta’ qabdiet skattatur u l-għeluq previst fil-paragrafu 1 għandhom japplikaw fuq l-iskala tar-rettangolu statistiku tal-GFCM.
4. Fid-deċiżjoni tagħhom li tistabbilixxi għeluq kif imsemmi fil-paragrafu 1, l-Istat Membri għandhom jiddefinixxu ż-żona ġeografika kkonċernata, id-durata tal-għeluq u l-kundizzjonijiet li jirregolaw is-sajd f’dik iż-żona matul l-għeluq.
5. L-Istati Membri li jistabbilixxu l-għeluq għandhom jinformaw lis-Segretarjat tal-GFCM u lill-Kummissjoni mingħajr dewmien.

*Artikolu 16 cb*

**Għeluq spazjali/temporali**

L-Istati Membri li jistadu b’mod attiv għall-qroll aħmar għandhom jintroduċu għeluq addizzjonali għall-protezzjoni tal-qroll aħmar fuq il-bażi tal-parir xjentifiku disponibbli u mhux aktar tard mill-1 ta’ Jannar 2019.”

(6) Jiddaħħal it-Titolu IIa li ġej:

## “TITOLU IIa
## KAPAĊITÀ TAS-SAJD U OPPORTUNITAJIET TAS-SAJD

*Artikolu 16m*

**Il-limiti ta’ qbid għall-qroll aħmar**

Kull Stat Membru jista’ jistabbilixxi fil-Baħar Mediterran sistema ta’ limiti ta’ qbid ta’ kuljum u/jew annwali individwali għall-qroll aħmar.

*Artikolu 16n*

**Kapaċità jew sforz tas-sajd tal-flotta tas-sajd għall-paġella ħamra fil-Baħar Alboran**

1. Sa mhux aktar tard mill-2020, l-Istati Membri għandhom iżommu l-livelli tal-kapaċità jew tal-isforz tas-sajd tal-flotta tas-sajd fil-livelli awtorizzati u eżerċitati matul is-sentejn preċedenti għall-qbid tal-paġella ħamra fil-Baħar Alboran (subżoni ġeografiċi 1, 2 u 3 tal-GFCM, kif iddefiniti fl-Anness I).
2. Ir-restrizzjonijiet fuq il-kapaċità jew l-isforzi tas-sajd tal-flotta tas-sajd imsemmija fil-paragrafu 1 għandhom japplikaw għall-bastimenti tas-sajd kummerċjali u rikreazzjonali kollha li jaqbdu l-paġella ħamra. ”

(7) Jitħassar l-Artikolu 17a.

(8) Fit-Titolu III, jiżdiedu l-Kapitoli III u IV li ġejjin:

# “KAPITOLU III

# Il-kontroll tas-sajd għall-qroll

*“Artikolu 22 a*

**L-awtorizzazzjonijiet tas-sajd għall-qroll aħmar**

1. Bastimenti u sajjieda awtorizzati li jistadu għall-qroll aħmar fil-Baħar Mediterran għandu jkollhom awtorizzazzjoni tas-sajd valida, li għandha tispeċifika l-kundizzjonijiet tekniċi li fihom jista’ jsir is-sajd.
2. Fin-nuqqas ta’ awtorizzazzjoni msemmija fil-paragrafu 1, għandu jkun ipprojbit li wieħed jistad, iżomm abbord, jittrasborda, iħott, jittrasferixxi, jaħżen, ibigħ jew juri jew joffri għall-bejgħ il-qroll aħmar.
3. L-Istati Membri għandhom iżommu reġistru aġġornat tal-awtorizzazzjonijiet tas-sajd imsemmija fil-paragrafu 1 u jikkomunikaw lis-Segretarjat tal-GFCM u lill-Kummissjoni sa mhux aktar tard mit-30 ta’ April ta’ kull sena l-lista ta’ bastimetni li għalihom inħarġu l-awtorizzazzjonijiet. Dik il-lista għandha tinkludi l-informazzjoni li ġejja għal kull bastiment:
   (a) L-isem tal-bastiment
   (b) In-numru tar-reġistru tal-bastiment (kodiċi assenjat mill-parti kontraenti)
   (c) In-numru ta’ reġistrazzjoni tal-GFCM (il-kodiċi 3-alfa tal-ISO tal-pajjiż + 9 figuri, eż. xxx000000001)
   (d) Il-port tar-reġistrazzjoni (l-isem sħiħ tal-port)

(e) L-isem ta' qabel (jekk kien hemm)

(f) Il-bandiera ta' qabel (jekk kien hemm)

(g) Id-dettalji tat-tħassir ta' qabel minn reġistri oħra (jekk kien hemm)

(h) Is-sinjal internazzjonali tas-sejħa bir-radju (jekk hemm)

(i) Il-VMS jew tagħmir ieħor għall-ġeolokalizzazzjoni tal-bastiment (indika I/L)

(j) It-tip ta' bastiment, it-tul totali (LOA) u t-tunnellaġġ gross (GT) u/jew it-tunnellaġġ reġistrat gross (GRT) u s-saħħa tal-magna espressa f'kW

(k) It-tagħmir ta' sikurezza u ta' sigurtà għall-ospitar tal-osservatur(i) abbord (indika I/L)

(l) Il-perjodu ta' żmien li fih hu awtorizzat is-sajd għall-qroll aħmar

(m) Iż-żona/i li fiha/fihom hu awtorizzat is-sajd għall-qroll aħmar : Is-subżoni ġeografiċi tal-GFCM u ċ-ċelloli tal-grilja statistika tal-GFCM

(n) Il-parteċipazzjoni fi programmi ta' riċerka mmexxija minn istituzzjonijiet xjentifiċi nazzjonali/internazzjonali (indika I/L; ipprovdi deskrizzjoni qasira)

4. L-Istati Membri m'għandhomx iżidu n-numru ta' awtorizzazzjonijiet tas-sajd sakemm il-parir xjentifiku jindika status favorevoli tal-popolazzjonijiet tal-qroll aħmar.

*Artikolu 22b*

**Reġistrazzjoni tal-qabdiet għall-qroll aħmar**

1. Is-sajjieda jew il-kaptani tal-bastimenti awtorizzati biex jistadu għall-qroll aħmar għandhom jirreġistraw il-qabdiet f'piż ħaj, u jekk possibbli n-numru ta' kolonji, wara l-operazzjonijiet tas-sajd, jew mhux aktar tard meta dawn jinħattu fil-port f'każ ta' vjaġġi tas-sajd ta' kuljum.

2. Il-bastimenti tas-sajd awtorizzati jistadu għall-qroll aħmar għandu jkollhom abbord ġurnal ta' abbord li fih jiġu rreġistrati l-qabdiet ta' kuljum tal-qroll aħmar, irrispettivament mill-piż ħaj tal-qabda, u l-attività tas-sajd skont iż-żona u l-fond, inkluż in-numru ta' jiem tas-sajd u ta' għadsiet. Dik l-informazzjoni għandha tiġi kkomunikata lill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti qabel l-iskadenza stabbiliti fl-Artikolu 14(6) tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009.

*Artikolu 22c*

**Notifika minn qabel għall-qroll aħmar**

Bejn sagħtejn u erba' sigħat qabel il-ħin stmat tal-wasla fil-port, il-kaptani tal-bastimenti tas-sajd jew ir-rappreżentant tagħhom għandhom jinnotifikaw lill-awtoritajiet rilevanti bl-informazzjoni li ġejja:

(a) il-ħin stmat tal-wasla;

(b) in-numru ta' identifikazzjoni estern u l-isem tal-bastiment tas-sajd;

(c) il-kwantità stmata f'piż ħaj u, jekk possibbli, in-numru ta' kolonji tal-qroll aħmar miżmuma abbord;

(d) l-informazzjoni dwar iż-żona ġeografika fejn tkun saret il-qabda.

*Artikolu 22d*

**Il-portijiet magħżula għall-qroll aħmar**

Is-sajjieda jew il-bastimenti tas-sajd awtorizzati għandhom iħottu qabdiet tal-qroll aħmar f'portijiet magħżula biss. Għaldaqstant, kull Stat Membru għandu jagħżel il-portijiet li fihom hu awtorizzat il-ħatt tal-qroll aħmar u jikkomunika lista ta' dawk il-portijiet lis-Segretarjat tal-GFCM sat-30 ta' April ta' kull sena, ħlief fil-każ li ma jkun seħħ ebda tibdil fil-portijiet magħżula dġà kkomunikati.

*Artikolu 22e*

***Kontroll tal-ħatt tal-qroll aħmar***

Kull Stat Membru għandu jistabbilixxi programm ta' kontroll ibbażat fuq l-analiżi tar-riskju, b'mod partikolari biex jivverifika l-ħatt u jivvalida l-ġurnali ta' abbord.

*Artikolu 22f*

**Trasbord tal-qroll aħmar**

L-operazzjonijiet ta' trasbord fil-baħar tal-qroll aħmar għandhom ikunu pprojbiti.

*Artikolu 22g*

**Informazzjoni xjentifika għall-qroll aħmar**

L-Istati Membri li jkollhom flotot tas-sajd li jistadu għall-qroll aħmar għandhom jiżguraw li jkun hemm fis-seħħ mekkaniżmu għall-monitoraġġ xjentifiku adegwat tas-sajd u tal-qabdiet bl-għan li jippermettu lill-kumitat Xjentifiku Konsultattiv tal-GFCM jipprovdi informazzjoni deskrittiva u pariri fuq tal-anqas:

(a) L-isforz skjerat tas-sajd (eż. in-numru ta' għadsiet għas-sajd/ġimgħa) u l-livelli totali ta' qabdiet skont l-istokkijiet f'livell lokali, nazzjonali jew supranazzjonali;

(b) Il-punti ta' referenza tal-konservazzjoni u tal-ġestjoni bl-għan li jkompli jittejjeb il-pjan ta' ġestjoni reġjonali f'konformità mal-objettiv ta' rendiment massimu sostenibbli u ta' riskju baxx ta' tbattil tal-istokkijiet;

(c) L-effetti bijoloġiċi u soċjoekonomiċi tax-xenarji ta' ġestjoni alternattivi, inklużi l-kontroll tal-input/output u/jew il-miżuri tekniċi, kif proposti mill-partijiet kontraenti għall-GFCM;

(d) Għeluq spazjali/temporali possibbli biex tiġi ppreservata s-sostenibbiltà tas-sajd;

# KAPITOLU IV
# MIŻURI TA' KONTROLL RELATATI MA' ĊERTI SUBŻONI ĠEOGRAFIĊI

## TAQSIMA 1
## KONTROLL TAS-SAJD GĦALL-PAĠELLA ĦAMRA FIL-BAĦAR ALBORAN

*Artikolu 22h*

**Ir-rapportar tal-qabdiet u tal-qabdiet inċidentali ta' kuljum tal-paġella ħamra**

Mingħajr ħsara għall-Artikolu 14 tar-Regolament 1224/2009, l-Istati Membri għandhom jistabbilixxu mekkaniżmu biex jiżguraw li l-qabdiet u l-qabdiet inċidentali kummerċjali ta' kuljum kollha tal-paġella ħamra fil-Baħar Alboran (subżoni ġeografiċi 1, 2, 3 tal-GFCM, kif iddefiniti fl-Anness I), irrispettivament mill-piż ħaj tal-qabda, jiġu rrapportati. Rigward is-sajd rikreazzjonali, l-Istati Membri għandhom jirreġistraw jew jagħmlu stimi tal-qabdiet ta' dik l-ispeċi.

*Artikolu 22i*

**Awtorizzazzjonijiet tas-sajd u attivitajiet tas-sajd**

1. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu reġistru tal-bastimenti tas-sajd li huma awtorizzati jġorru abbord jew iħottu kwantitajiet ta' paġella ħamra maqbuda fil-Baħar Alboran li jikkostitwixxu aktar minn 20% tal-qabda f'piż ħaj wara t-tqassim skont il-marea.

2. Il-bastimenti tas-sajd li jistadu għall-paġella ħamra għandhom jitħallew iwettqu attivitajiet tas-sajd biss jekk dawn ikunu indikati f'awtorizzazzjoni valida tas-sajd maħruġa mill-awtoritajiet kompetenti u li tispeċifika l-kundizzjonijiet tekniċi li fihom jistgħu jitwettqu t-tali attivitajiet. L-awtorizzazzjoni għandha tinkludi d-data stabbilita fl-Anness VIII.

3. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lis-Segretarjat tal-GFCM:

   (a) sa tmiem Frar ta' kull sena, il-lista tal-bastimenti operazzjonali li għalihom inħarġet l-awtorizzazzjoni għas-sena kurrenti jew għas-sena/snin li jmiss; il-lista għandu jkun fiha d-data stabbilita fl-Anness VIII;

   (b) sa tmiem Novembru ta' kull sena, mit-30 ta' Novembru 2018 u sa mhux aktar tard mit-30 ta' Novembru 2020, rapport dwar l-attivitajiet tas-sajd imwettqa mill-bastimenti msemmija fl-Artikolu 22i(1), f'format aggregat, inkluża l-informazzjoni minima li ġejja:

      (i) in-numru ta' jiem tas-sajd,

      (ii) iż-żona tas-sajd, u

      (iii) il-qabdiet ta' paġella ħamra.

4. Il-bastimenti kollha itwal minn 12-il metru awtorizzati b'mod ġenerali għas-sajd għall-paġella ħamra għandhom ikunu mgħammra b'sistema ta' monitoraġġ tal-bastimenti (VMS) jew bi kwalunkwe sistema oħra ta' ġeolokalizzazzjoni li tippermetti lill-awtoritajiet jintraċċaw l-attivitajiet tagħhom.

*Artikolu 22j*

**Monitoraġġ xjentifiku**

L-Istati Membri li għandhom flotot tas-sajd li jistadu għall-paġella ħamra għandhom jiġbru data deskrittiva dwar tal-anqas:

(a) il-karatteristiċi tal-irkaptu tas-sajd, fost l-oħrajn, it-tul massimu tal-konz u tax-xbieki fissi u n-numru, it-tip u d-daqs tas-sunnara;

(b) l-isforz skjerat tas-sajd (eż. in-numru ta' jiem tas-sajd/ġimgħa) u l-livelli ġenerali ta' qabdiet mill-flotot tas-sajd kummerċjali; jenħtieġ li tiġi pprovduta wkoll stima tal-qabdiet mis-sajd rikreazzjonali;

(c) il-punti ta' referenza tal-konservazzjoni u tal-ġestjoni bl-għan li jiġu stabbiliti pjanijiet ta' ġestjoni pluriennali għas-sajd sostenibbli f'konformità mal-objettiv ta' rendiment massimu sostenibbli u ta' riskju baxx ta' tbattil tal-istokkijiet;

(d) l-effett soċjoekonomiku tax-xenarji ta' ġestjoni alternattivi, inklużi l-kontroll tal-input/tal-output u/jew il-miżuri tekniċi, kif identifikati mill-GFCM u/jew mill-partijiet kontraenti;

(e) għeluq spazjali/temporali possibbli biex tiġi ppreservata s-sostenibbiltà tas-sajd;

(f) l-impatt potenzjali tas-sajd rikreazzjonali fuq l-istatus tal-istokk(ijiet) tal-paġella ħamra.

## TAQSIMA 2

## IL-KANAL TA' SQALLIJA

*Artikolu 22k*

**Awtorizzazzjonijiet għas-sajd tat-tkarkir tal-qiegħ għal stokkijiet demersali fil-Kanal ta' Sqallija**

1. Il-bastimenti tat-tkarkir tal-qiegħ li jistadu għal stokkijiet demersali fil-Kanal ta' Sqallija (subżoni ġeografiċi 12, 13, 14, 15 u 16 tal-GFCM kif iddefiniti fl-Anness I), għandhom jitħallew iwettqu l-attivitajiet speċifiċi tas-sajd indikati f'awtorizzazzjoni valida tas-sajd maħruġa mill-awtoritajiet kompetenti u li tispeċifika l-kundizzjonijiet tekniċi li fihom għandhom jitwettqu t-tali attivitajiet.

2. L-awtorizzazzjoni tas-sajd imsemmija fil-paragrafu 1 għandha tinkludi, minbarra d-data ddefinita fl-Anness I tar-Regolament (KE) 2017/218, id-data li ġejja:

(a) in-numru ta' reġistrazzjoni tal-GFCM;

(b) l-isem ta' qabel (jekk kien hemm);

(c) il-bandiera ta' qabel (jekk kien hemm);

(d) Id-dettalji tat-tħassir ta' qabel minn reġistri oħra (jekk kien hemm).

*Artikolu 22l*

**Skema Internazzjonali Konġunta ta' Spezzjoni u ta' Sorveljanza fil-Kanal ta' Sqallija**

1. Bl-għan li tiġi żgurata l-konformità mad-dispożizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 10a u 10b, l-Istati Membri jistgħu jwettqu attivitajiet ta' spezzjoni u ta' sorveljanza fil-qafas ta' Skema Internazzjonali Konġunta ta' Spezzjoni u ta' Sorveljanza (l-Iskema) li tkopri l-ilmijiet li jaqgħu barra mill-ġurisdizzjoni nazzjonali fis-subżoni ġeografiċi 12, 13, 14, 15 u 16 tal-GFCM, kif iddefiniti fl-Anness I ("iż-żona ta' spezzjoni u ta' sorveljanza").

2. Kull Stat Membru għandu, sa mhux aktar tard mill-1 ta' Diċembru ta' kull sena, jinnotifika lis-Segretarjat tal-GFCM il-lista ta' ismijiet tal-ispetturi awtorizzati jwettqu l-ispezzjoni u s-sorveljanza fiż-żona msemmija fil-paragrafu 1.

3. L-ispetturi għandhom iġorru d-dokumentazzjoni dwar l-identità maħruġa mill-awtoritajiet tal-Istat Membru tal-bandiera, li għandha tkun fil-forma stabbilita fl-Anness IV.

4. Kull Stat Membru kkonċernat għandu jinnotifika l-ismijiet tal-bastimenti u tal-inġenji tal-ajru użati għall-ispezzjoni u għas-sorveljanza lis-Segretarjat tal-GFCM sal-15 ta' Diċembru tas-sena ta' qabel jew mill-aktar fis possibbli qabel ma jibdew l-attivitajiet ta' spezzjoni.

5. Il-bastimenti li jwettqu dmirijiet ta' imbarkazzjoni u ta' spezzjoni skont l-Iskema għandhom itajru bandiera speċjali jew ċinga ta' rkupru, kif deskritta fl-Anness V.

6. Permezz ta' ftehim reċiproku ma' parti kontraenti oħra tal-GFCM, Stat Membru jista' jiskjera spetturi li jkun assenja lill-Iskema għal pjattaforma għall-ispezzjoni ta' dik il-parti kontraenti l-oħra. Dan għandu jinnotifika lis-Segretarjat tal-GFCM minn qabel dwar it-tali skjerament.

7. Kull Stat Membru għandu jiżgura li kull pjattaforma għall-ispezzjoni intitolata ttajjar il-bandiera tagħha u li topera fiż-żona msemmija fil-paragrafu 1 iżżomm kuntatt sigur, ta' kuljum fejn possibbli, ma' kull pjattaforma għall-ispezzjoni oħra li topera f'dik iż-żona, biex jiskambjaw l-informazzjoni neċessarja bl-għan li jikkoordinaw l-attivitajiet.

8. Kull Stat Membru bi preżenza ta' spezzjoni jew ta' sorveljanza fiż-żona msemmija fil-paragrafu 1 għandu jipprovdi lil kull pjattaforma għall-ispezzjoni, mad-dħul tiegħu fiż-żona, lista ta' osservazzjonijiet, ta' imbarkazzjonijiet u ta' spezzjonijiet li jkun għamel fil-perjodu ta' għaxart ijiem preċedenti, inklużi d-dati, il-koordinati u kwalunkwe informazzjoni rilevanti oħra.

*Artikolu 22m*

**It-twettiq tal-ispezzjonijiet**

1. Kull Stat Membru bi preżenza ta' spezzjoni fiż-żona msemmija fl-Artikolu 22k(1) għandu jiżgura li l-ispetturi tiegħu:

   (a) qabel l-imbarkazzjoni, jinnotifikaw lill-bastimenti tas-sajd bl-isem tal-bastiment ta' spezzjoni;

   (b) juru, fuq il-bastiment ta' spezzjoni u fuq il-bastiment ta' imbarkazzjoni, iċ-ċinga ta' rkupru deskritta fl-Anness V;

(c) jillimitaw kull tim ta' spezzjoni għal massimu ta' tliet spetturi.

2. Mal-imbarkazzjoni fuq il-bastiment, l-ispetturi għandhom jipproduċu l-karta tal-identità deskritta fl-Anness IV lill-kaptan tal-bastiment tas-sajd. L-ispezzjonijiet għandhom isiru f'waħda mil-lingwi uffiċjali tal-GFCM u, fejn possibbli, fil-lingwa mitkellma mill-kaptan tal-bastiment tas-sajd.

3. L-ispetturi għandhom jillimitaw l-inkjesti tagħhom għall-verifika tal-konformità mal-Artikolu 10a u 10b mill-Istat tal-bandiera tal-bastiment ikkonċernat.

4. L-ispetturi għandhom ifasslu rapport tal-ispezzjoni fil-format stabbilit fl-Anness VI.

5. L-ispetturi għandhom jiffirmaw ir-rapport fil-preżenza tal-kaptan tal-bastiment li għandu jkollu d-dritt iżid jew jara li tiżdied mar-rapport kwalunkwe osservazzjoni li jaħseb li hi xierqa u li jrid jiffirma wkoll.

6. Għandhom jingħataw kopji tar-rapport lill-kaptan tal-bastiment u lill-awtoritajiet tat-tim tal-ispezzjoni, li, min-naħa tiegħu, għandu jgħaddi kopji tiegħu lill-awtoritajiet tal-Istat tal-bandiera tal-bastiment spezzjonat u lis-Segretarjat tal-GFCM.

7. Id-daqs tal-parti ta' spezzjoni u t-tul tal-ispezzjoni għandhom jiġu ddeterminati mill-uffiċjal kmandant tal-bastiment ta' spezzjoni filwaqt li jittieħdu f'kunsiderazzjoni ċ-ċirkustanzi rilevanti kollha.

*Artikolu 22n*

**Ksur**

1. Għall-finijiet ta' dan l-Artikolu, l-attivitajiet li ġejjin għandhom jitqiesu li huma ksur:

   (a) l-attivitajiet imsemmija fl-Artikolu 3(1)(a),(b),(c),(e),(f),(g) u (h) tar-Regolament 1005/2008;

   (b) interferenza mas-sistema ta' monitoraġġ abbażi ta' satellita; u

   (c) operat mingħajr sistema VMS.

2. Fil-każ ta' kwalunkwe imbarkazzjoni u spezzjoni ta' bastimenti tas-sajd li matulhom l-ispetturi jidentifikaw ksur, l-awtoritajiet tal-Istat Membru tal-bandiera tal-bastiment ta' spezzjoni għandhom jinnotifikaw minnufih lill-Istat tal-bandiera tal-bastimenti tas-sajd kemm b'mod dirett kif ukoll permezz tas-Segretarjat tal-GFCM.

3. L-Istat Membru tal-bandiera tal-bastiment għandu jiżgura li, wara spezzjoni bħal dik imsemmija fil-paragrafu 2, il-bastiment tas-sajd ikkonċernat iwaqqaf kull attività tas-sajd. L-Istat Membru tal-bandiera għandu jitlob lill-bastiment tas-sajd jipproċedi fi żmien 72 siegħa lejn port magħżul minnu, fejn għandha tinbeda investigazzjoni.

4. Fil-każ li fih spezzjoni ssib ksur, l-azzjonijiet meħuda u s-segwitu mogħti mill-Istat Membru tal-bandiera għandhom jiġu nnotifikati lill-awtoritajiet nazzjonali tiegħu, kif ukoll lis-Segretarjat tal-GFCM.

5. L-awtoritajiet tal-Istati Membri għandhom jaġixxu fuq ir-rapporti tal-ispezzjonijiet, kif imsemmi fl-Artikolu 22m(4), u d-dikjarazzjonijiet li jirriżultaw mill-ispezzjonijiet dokumentarji mill-ispetturi fuq bażi simili bħalma jaġixxu fuq rapporti u dikjarazzjonijiet ta' spetturi nazzjonali.

## TAQSIMA 3
## IL-BAĦAR L-ISWED

*Artikolu 22o*

**Miżuri għall-prevenzjoni, għad-deterrenza u għall-eliminazzjoni ta' sajd illegali, mhux irrappurtat u mhux irregolat għall-barbun imperjali fil-Baħar l-Iswed**

1. Sat-30 ta' Novembru ta' kull sena, kull Stat Membru għandu jibgħat lill-Kummissjoni, permezz tal-appoġġ normali tal-proċessar ta' data, lista aġġornata tal-bastimenti li jużaw għeżula tal-qiegħ awtorizzati biex jistadu għall-barbun imperjali fil-Baħar l-Iswed (is-subżona ġeografika 29 tal-GFCM, kif iddefinita fl-Anness I).

2. Il-lista indikata fil-paragrafu 1 għandha tinkludi, minbarra d-data stabbilita fl-Anness I għar-Regolament 26/2004, id-data li ġejja:

   (a) in-numru ta' reġistrazzjoni tal-GFCM;

   (b) l-isem ta' qabel (jekk kien hemm);

   (c) il-bandiera ta' qabel (jekk kien hemm);

   (d) id-dettalji tat-tħassir ta' qabel minn reġistri oħra (jekk kien hemm)

   (e) l-ispeċi ewlenija fil-mira;

   (f) l-irkaptu ewlieni użat għall-barbun imperjali, is-segment tal-flotta u l-unità operazzjonali kif iddefiniti fil-matriċi statistika tal-Kompitu 1 stabbilita fit-Taqsima C tal-Anness III;

   (g) il-perjodu ta' żmien awtorizzat għas-sajd bl-għażel jew bi kwalunkwe rkaptu ieħor aktarx għas-sajd tal-barbun imperjali (jekk teżisti tali awtorizzazzjoni).

3. Fuq talba mill-GFCM, l-Istati Membri għandhom jirrapportaw informazzjoni dwar il-bastimenti tas-sajd awtorizzati biex iwettqu attività tas-sajd f'perjodu speċifiku. B'mod partikolari, l-Istati Membri għandhom jirrapportaw l-ismijiet tal-bastimenti tas-sajd ikkonċernati, in-numru ta' identifikazzjoni estern tagħhom u l-opportunitajiet tas-sajd allokati lil kull wieħed minnhom.

4. Għeżula abbandunati mhux immarkati użati fis-sajd għall-barbun imperjali u li jinstabu fil-baħar għandhom jinġabru mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru kostali. Imbagħad, dawk ix-xbieki għandhom jew jiġu kkonfiskati sakemm jiġi identifikat kif xieraq sidhom jew inkella jinqerdu jekk is-sid ma jkunx jista' jiġi identifikat.

5. Kull Stat Membru kkonċernat għandu jagħżel il-punti tal-ħatt, fejn għandhom isiru l-ħatt u t-trasbord tal-barbun imperjali maqbud fil-Baħar l-Iswed, f'konformità mal-Artikolu 43(5) tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009. Lista tat-tali punti għandha tiġi kkomunikata lis-Segretarjat tal-GFCM sa mhux aktar tard mit-30 ta' Novembru ta' kull sena.

6. Għandu jkun ipprojbit li wieħed iħott jew jittrasborda mill-bastimenti tas-sajd kwalunkwe kwantità ta' barbun imperjali maqbud fil-Baħar l-Iswed fi kwalunkwe post ieħor li ma jkunx il-punti ta' ħatt imsemmija fil-paragrafu 5.

*Artikolu 22p*

**Pjanijiet nazzjonali ta' monitoraġġ, ta' kontroll u ta' sorveljanza għas-sajd għall-barbun imperjali fil-Baħar l-Iswed**

1. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu pjanijiet nazzjonali ta' monitoraġġ, ta' kontroll u ta' sorveljanza ("pjanijiet nazzjonali") biex jimplimentaw id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 22o billi jiżguraw, fost l-oħrajn, monitoraġġ u reġistrazzjoni xierqa u preċiżi tal-qabdiet ta' kull xahar u/jew tal-isforz tas-sajd skjerat.

2. L-elementi li ġejjin għandhom jiddaħħlu fil-pjanijiet nazzjonali msemmija fil-paragrafu 1:

(a) definizzjoni ċara tal-mezzi ta' kontroll, b'deskrizzjoni tal-mezzi umani, tekniċi u finanzjarji speċifikament disponibbli għall-implimentazzjoni tal-pjanijiet;

(b) definizzjoni ċara tal-istrateġija ta' spezzjoni, (inklużi protokolli tal-ispezzjoni), li għandha tikkonċentra fuq il-bastimenti tas-sajd li aktarx li jaqbdu l-barbun imperjali u l-ispeċijiet assoċjati.

(c) Il-pjanijiet ta' azzjoni għall-kontroll tas-swieq u tat-trasport għandhom jiġu inklużi;

(d) definizzjoni tal-kompiti u tal-proċeduri ta' spezzjoni, inklużi l-istrateġija ta' kampjunar applikata għall-verifika tal-użin tal-qabdiet fl-ewwel bejgħ u l-istrateġija ta' kampjunar għall-bastimenti li mhumiex soġġetti għal regoli dwar il-ġurnal ta' abbord/id-dikjarazzjoni tal-ħatt;

(e) linji gwida esploratorji għall-ispetturi, għall-organizzazzjonijiet tal-produtturi u għas-sajjieda rigward is-sett ta' regoli fis-seħħ għas-sajd li aktarx li jkun immirat lejn il-qbid tal-barbun imperjali, inklużi:

(i) regoli għat-tlestija tad-dokumenti, inklużi rapporti tal-ispezzjonijiet, ġurnali ta' abbord tas-sajd, dikjarazzjonijiet tat-trasbord, dikjarazzjonijiet tal-ħatt u tat-teħid tal-kontroll, dokumenti tat-trasport u noti tal-bejgħ;

(ii) il-miżuri tekniċi fis-seħħ, inklużi d-daqs tal-malja u/jew id-dimensjonijiet tal-malja, id-daqs minimu tal-qabdiet, restrizzjonijiet temporanji;

(iii) l-istrateġiji tal-kampjunar,

(iv) mekkaniżmi ta' kontroverifika.

(f) taħriġ tal-ispetturi nazzjonali f'konformità mar-rekwiżiti speċifikati fl-Anness II ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu 22q*

**Monitoraġġ xjentifiku tas-sajd għall-barbun imperjali fil-Baħar l-Iswed**

L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kumitat Konsultattiv Xjentifiku għas-Sajd (SAC) tal-GFCM, mhux aktar tard mit-30 ta' Novembru ta' kull sena, kwalunkwe informazzjoni addizzjonali b'appoġġ tal-monitoraġġ xjentifiku tas-sajd għall-barbun imperjali fil-Baħar l-Iswed."

(9) L-Artikolu 23a hu emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu 1, il-punt (a) jinbidel b'li ġej:

"(a) id-data dwar il-qroll aħmar imsemmija fl-Artikolu 22b; kif ukoll";

(b) jiżdied il-paragrafu 8 li ġej:

"8. L-Istati Membri għandhom jissottomettu rapport dettaljat dwar l-attivitajiet tas-sajd tagħhom lis-Segretarjat tal-GFCM u lill-Kummissjoni sat-30 ta' Ġunju ta' kull sena. It-tali rapport għandu jinkludi tal-anqas informazzjoni dwar il-qabdiet totali u ż-żoni tas-sajd u, jekk possibbli, dwar in-numru ta' għadsiet u l-qabda medja għal kull għadsa."

(10) L-Annessi IV, V, VI, VII u VIII jiddaħħlu kif stabbilit fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

**Dħul fis-seħħ**

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.*

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell,

| | |
|---|---|
| *Għall-Parlament Ewropew* | *Għall-Kunsill* |
| *Il-President* | *Il-President* |

## ANNESS

L-Annessi IV, V, VI, VII u VIII li ġejjin jiżdiedu mar-Regolament (UE) 1343/2011:

**"ANNESS IV**

**Mudell tal-Karta tal-Identità għall-ispetturi tal-GFCM**

<table>
<tr><td colspan="4">Kummissjoni Ġenerali għas-Sajd fil-Mediterran</td><td></td><td>GFCM</td></tr>
<tr><td colspan="2"></td><td colspan="2">GFCM</td><td colspan="2" rowspan="4">Id-detentur ta' din il-karta tal-identità tal-ispettur hu spettur tal-GFCM maħtur kif xieraq skont it-termini tal-Iskema Konġunta ta' Spezzjoni u ta' Sorveljanza tal-Kummissjoni Ġenerali għas-Sajd fil-Mediterran (GFCM) u għandu s-setgħa li jaġixxi skont id-dispożizzjonijiet tar-regoli tal-GFCM.</td></tr>
<tr><td colspan="4">KARTA TAL-IDENTITÀ TAL-ISPETTUR</td></tr>
<tr><td rowspan="4">Ritratt</td><td colspan="3">Parti Kontraenti</td></tr>
<tr><td colspan="3">Isem l-Ispettur:</td></tr>
<tr><td colspan="3">Nru tal-Karta</td><td rowspan="2">………………………………<br>Awtorità tal-Ħruġ</td><td rowspan="2">………………………………<br>Spettur</td></tr>
<tr><td colspan="2">Data tal-ħruġ:</td><td>Valida għal ħames snin</td></tr>
</table>

# ANNESS V

## Mudell taċ-ċinga ta’ rkupru tal-GFCM



## ANNESS VI

**Rapport tal-Ispezzjoni tal-GFCM**

**1. SPETTUR(i)**

Isem…………….…………………Parti Kontraenti…………….…………Numru tal-Karta tal-Identità tal-GFCM…………………

Isem…………….…………………Parti Kontraenti…………….…………Numru tal-Karta tal-Identità tal-GFCM…………………

Isem…………….…………………Parti Kontraenti…………….…………Numru tal-Karta tal-Identità tal-GFCM…………………

**2. BASTIMENT LI JĠORR LILL-ISPETTUR(I)**

2.1 Isem u Reġistrazzjoni ………………………………………

2.2 Bandiera……………………………………………………..

**3. INFORMAZZJONI DWAR IL-BASTIMENT SPEZZJONAT**

3.1 Isem u Reġistrazzjoni…………………………………....…..

3.2 Bandiera………………………………………………………..............

3.3 Kaptan (Isem u indirizz)……………………………………….

3.4 Sid il-bastiment (Isem u indirizz)…………………………….

3.5 Numru tar-rekord tal-GFCM……………………………....……..

3.6 Tip ta' bastiment……………………………....…....…....……....

**4. POŻIZZJONI**

4.1 Il-pożizzjoni kif iddeterminata mill-kaptan tal-bastiment tal-ispezzjoni f'………UTC; Lat………. Lonġ………

4.2 Il-pożizzjoni kif iddeterminata mill-kaptan tal-bastiment tas-sajd f'………UTC; Lat……… Lonġ………

**5. ID-DATA U L-ĦINIJIET LI FIHOM BDIET U NTEMMET L-ISPEZZJONI**

5.1 Data ……… Ħin tal-wasla abbord ……… UTC-Ħin tat-Tluq ………UTC

## 6. TIP TA' RKAPTU TAS-SAJD ABBORD

| | |
|---|---|
| Xibka tat-tkarkir tal-qiegħ bid-diriġenti – OTB | |
| Xibka tat-tkarkir tan-nofs fond bid-diriġenti – OTM | |
| Xbieki tat-tkarkir għall-gambli – TBS | |
| Tartarun tal-borża – PS | |
| Għeżula ankrati (fissi) – GNS | |
| Konzijiet tal-qiegħ – LLS | |
| Rkaptu ta' rikreazzjoni – RG | |
| Ieħor (Speċifika) | |

## 7. IL-QIES TAL-MALJA - F'MILLIMETRI

7.1 Id-daqs legali tal-malja li għandu jintuża: ………………mm

7.2 Riżultat tal-qies medju tad-daqs tal-malja: ……………mm

7.3 Ksur: IVA ☐ - LE ☐ -------- Fil-każ ta' IVA, referenza legali:

## 8. SPEZZJONIJIET TAL-QABDIET ABBORD

8.1 Riżultati tal-ispezzjoni tal-ħut abbord

| SPEĊI (Kodiċi tri alfa tal-FAO) | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Total (Kg) | | | | | | |
| Preżentazzjoni | | | | | | |
| Kampjun spezzjonat | | | | | | |
| % tal-ħut iżgħar milli suppost | | | | | | |

8.2 Ksur: IVA ☐ - LE ☐ -------- Fil-każ ta' IVA, referenza legali:

## 9. SPEZZJONI TAD-DOKUMENTI ABBORD U TAL-VMS

9.1 Ġurnal ta' Abbord tas-Sajd: IVA ☐ - LE ☐

9.2 Ksur: IVA ☐ - LE ☐ -------- Fil-każ ta' IVA, referenza legali:

9.3 Liċenzja tas-Sajd: IVA ☐ - LE ☐

9.4 Ksur: IVA ☐ - LE ☐ -------- Fil-każ ta' IVA, referenza legali:

9.5 Awtorizzazzjoni speċifika: IVA ☐ - LE ☐

9.6 Ksur: IVA ☐ - LE ☐ -------- Fil-każ ta' IVA, referenza legali:

9.7 VMS: IVA ☐ - LE ☐ --------operattiva: IVA ☐ - LE ☐

9.8 Ksur: IVA ☐ - LE ☐ -------- Fil-każ ta' IVA, referenza legali:

## 10. LISTA TAL-KSUR

□ Sajd mingħajr liċenzja, permess jew awtorizzazzjoni maħruġa mis-CPC tal-bandiera – referenza legali:,

□ Nuqqas ta' żamma ta' reġistri suffiċjenti dwar il-qbid u ta' data relatata mal-qbid skont l-obbligi ta' rapportar tal-GFCM jew rapportar ħażin sinifikanti ta' data bħal din dwar il-qbid u/jew relatata mal-qbid – referenza legali:;

□ Sajd f'żona magħluqa – referenza legali:

□ Sajd matul staġun magħluq – referenza legali:

□ Użu ta' rkaptu tas-sajd ipprojbit – referenza legali:

□ Falsifikazzjoni jew ħabi intenzjonali tal-markar, tal-identità jew tar-reġistrazzjoni ta' bastiment tas-sajd – referenza legali:

□ Ħabi, tbagħbis jew rimi ta' provi li jkollhom x'jaqsmu ma' investigazzjoni ta' ksur – referenza legali:

□ Każijiet ta' ksur multiplu li meħuda flimkien jikkostitwixxu nuqqas serju ta' osservanza tal-miżuri skont il-GFCM;

□ Attakk, reżistenza, intimidazzjoni, fastidju sesswali, interferenza ma', jew tfixil jew dewmien żejjed kontra spettur jew osservatur awtorizzat;

□ Indħil fis-sistema ta' monitoraġġ abbażi ta' satellita u/jew operazzjonijiet mingħajr is-sistema VMS – referenza legali:

**11. LISTA TAD-DOKUMENTI KKUPJATI ABBORD**

…………………………………………………………………………………………………
……………………………………………………..
…………………………………………………………………………………………………
…………………………………………………………………………………………………
…………………………………………………………………………………………………
…………………………………………………………………………………………………
…………………………………………………………………………………………………..
…………………………………………………………………………………………………
……………
…………………………………………………………………………………………………
…………………………………………………….

**12. KUMMENTI U FIRMA MILL-KAPTAN TAL-BASTIMENT**

…………………………………………………………………………………………………
……………………………………………………..
…………………………………………………………………………………………………
…………………………………………………………………………………………………
…………………………………………………………………………………………………
…………………………………………………………………………………………………
…………………………………………………………………………………………………..
…………………………………………………………………………………………………
……………
…………………………………………………………………………………………………
…………………………………………………….

Firma tal-kaptan: …………………………………………………………………..

**13. KUMMENTI U FIRMA MILL-ISPETTUR(I)**

…………………………………………………………………………………………………
……………………………………………………..
…………………………………………………………………………………………………
…………………………………………………………………………………………………
…………………………………………………………………………………………………
…………………………………………………………………………………………………
…………………………………………………………………………………………………..
…………………………………………………………………………………………………
……………
…………………………………………………………………………………………………
…………………………………………………….

Firma tal-ispettur(i): ………………………………………………………….

## ANNESS VII

**Rapport tal-Osservazzjonijiet tal-GFCM**

1. Data tal-osservazzjonijiet: ……/……/…….. Ħin:…………………UTC

2. Pożizzjoni tal-bastiment osservat: Latitudni……………………… - Lonġitudni…………………………….

3. Rotta:……………………………….. – Veloċità………………………………………..

4. L-isem tal-bastiment osservat:

5. Il-bandiera tal-bastiment osservat:

6. In-numru/il-markar estern:

7. Tip ta' bastiment:

☐Bastiment tas-sajd

☐Bastiment tal-ġarr

☐Bastiment friża

☐Ieħor (speċifika)

8. Sinjal internazzjonali tas-sejħa bir-radju:

9. In-numru IMO (fejn dan ikun applikabbli) :

10. Attività(jiet):

☐Sajd

☐Trattament bil-fwar

☐Tisqif

☐Trasbord

11. Kuntatt bir-radju: ☐IVA - ☐LE

12. Isem u nazzjonalità tal-kaptan tal-bastiment osservat:…………………………………………..

13. Numru ta' nies abbord il-bastiment osservat:…………………………………………………………..

14. Qabdiet abbord il-bastiment osservat: ………………………………………………………………………………

15. Informazzjoni miġbura minn:

Isem l-ispettur:

Parti Kontraenti:

Numru tal-Karta tal-Identità tal-GFCM:

Isem il-bastiment tal-għassa:

## ANNESS VIII

**Data li għandha tiġi inkluża fil-lista ta' bastimenti li jistadu għall-paġella ħamra**

Il-lista msemmija fil-Artikolu 22i għandha tinkludi, għal kull bastiment, l-informazzjoni li ġejja:

– L-isem tal-bastiment
– In-numru tar-reġistru tal-bastiment (kodiċi assenjat mis-CPCs)
– In-numru ta' reġistrazzjoni tal-GFCM (il-kodiċi 3-alfa tal-ISO tal-pajjiż + 9 figuri, eż. xxx000000001)
– Il-port tar-reġistrazzjoni (l-isem sħiħ tal-port)
– L-isem ta' qabel (jekk kien hemm)
– Il-bandiera ta' qabel (jekk kien hemm)
– Id-dettalji preċedenti tat-tħassir minn reġistri oħra (jekk kien hemm)
– Is-sinjal internazzjonali tas-sejħa bir-radju (jekk hemm)
– VMS (indika I/L)
– It-tip ta' bastiment, it-tul totali (LOA) u t-tunnellaġġ gross (GT) u/jew it-tunnellaġġ reġistrat gross (GRT) u s-saħħa tal-magna espressa f'kW
– L-isem u l-indirizz tal-proprjetarju/i u tal-operatur(i)
– L-irkaptu ewlieni użat għas-sajd għall-paġella ħamra u l-allokazzjoni tas-segment tal-flotta u l-unità operazzjonali kif identifikati fid-DCRF
– Perjodu staġjonali awtorizzat għas-sajd għall-paġella ħamra"